Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 10/2018

Wara l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 2245/2017 u tac-cedola ta' depozitu numru 107/18 fl-ismijiet:

**Bernardette Licari**

**Vs**

**Victor Emmanuel Gusman u Silvia Gusman**

18 ta' Gunju, 2018.

1. L-appellanti appellaw mid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Frar, 2018 li biha cahad it-talba biex jithassar il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv, u biex jirtiraw il-flus li ddepozitaw permezz ta' cedola ta' depozitu numru 107/2018.

2. B'sentenza tat-18 ta' Jannar 2017 fil-kawza **Licari vs Gusman et** (206/2004), il-Qorti tal-Magistrati ddecidiet li l-konvenuti kienu kkagunaw danni fil-proprjeta tal-attrici, dwar liema kienet saret tiswija waqt il-proceduri. Il-parti dispozittiva tas-sentenza taqra hekk:

   *"li l-konvenut huma responsabbli sabiex jaghmlu tajjeb ghal din il-hsara u **jirrifondu l-flejjes li gew imhallsa mill-attrici biex saru t-tiswijiet necessarji,** b'dan pero li m'ghandux ikun hemm inkluz l-ispiza li saret in konnessjoni max-xoghol ta' Gino Gusman u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba sabiex tordna li jsir ix-xoghol riparatorju li hemm bzonn stante li dan sar fil-mori tal-kawza.*

   *Tordna li l-konvenuti jhallsu l-ispejjez kollha tal-kawza salv dawk konnessi max-xoghol li saru mill-haddiem Gino Gusman kemm fir-rigward il-hlasijiet li saru lilu, kemm dwar il-materjal mixtri minnu wkoll dwar hlasiiet li nghataw il-perit tekniku nominat mill-Qorti sabiex isegwi dan ix-xoghol.*

   *L-imghax jibda jiddekorri fuq din is-somma mil-lum".*

3. Il-kwistjoni tal-lum bdiet minhabba li fis-sentenza ta' wiehed u erbghin faccata li nghatat fit-18 ta' Jannar 2017, l-ewwel qorti naqqset milli ssemmi s-somma li l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attrici. Sentenza ghandha dejjem taghti

certezza lill-partijiet. F'dan il-kaz in-nuqqas tal-ewwel qorti wassal ghal kwistjonijiet bla bzonn bejn il-partijiet dwar l-ammont li l-konvenuti ghandhom effettivament ihallsu.

4. Il-qorti tosserva wkoll li fil-fehma taghha r-rikors ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kellu jigi assenjat lill-Magistrat li tat is-sentenza, gialadarba kienet fl-ahjar posizzjoni li tiddeciedi dwar l-ammont li kien effettivament dovut mill-konvenuti. Il-fatt li gie assenjat lill-Magistrat differenti fisser telf ta' hin bla bzonn u xoghol zejjed ghall-gudikant li lilha gie assenjat ir-rikors. Li kieku jsir screening kif suppost tal-atti li jigu pprezentati, kellu jkun ovvju li l-persuna li kellha tisma' u tiddeciedi r-rikors tat-22 ta' Jannar, 2018 kienet l-istess Magistrat li tat is-sentenza sena qabel.

5. Sabiex il-qorti tifhem ahjar il-kaz, rat il-process tal-kawza 206/2004.

6. L-aggravji tal-appellanti huma li:

   i. Is-sentenza tat-18 ta' Jannar, 2017 ma llikwidatx id-danni li ghandhom jithallsu lill-attrici.
   ii. F'kull kaz is-sorte li ghalih intalab u nghata l-hrug tal-mandat ta' sekwestru, gie eskluz mill-istess sentenza.
   iii. L-ewwel qorti zbaljat meta ma qiesitx it-talba ghall-izbank li saret fl-istess rikors promotur. Jekk it-talba tal-appellanti ghar-revoka tal-mandat tintlaqa', allura t-talba ghall-izbank kellha tintlaqa' wkoll.

   Ghaldaqstant, talbu lil din il-qorti sabiex *"tirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fit-22 ta' Frar, 2018 fl-atti fl-istess ismijiet premessi u tilqa' t-talbiet tal-appellanti kif kontenuti fir-rikors promotur taghhom tat-22 ta' Jannar 2018 fl-atti fl-istess ismijiet premessi. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi"*.

7. L-appellata wiegbet fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud (fol. 9).

8. Fir-rigward tal-ewwel aggravju, mhemmx dubju li l-ewwel qorti ma semmietx is-somma li ghandha l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attrici. Madankollu d-decizjoni hi li l-konvenuti ghandhom ihallsu l-ispejjez li ghamlet l-attrici kemm damet pendenti l-kawza, sabiex issewwiet il-hsara. Tant hu hekk li ordnat ukoll li jibda jghaddi l-imghax mid-data tas-sentenza. Spejjez li jirrizultaw mill-atti. Tant il-konvenut fehmu li gew ikkundannati jhallsu l-ispejjez, li wara li s-sentenza saret gudikat, l-assikurazzjoni li tkopri d-dar taghhom ghamlet pagament lill-attrici[1]. Il-kwistjoni li hemm illum hi principalment relatata mal-ispejjez relatati max-xoghol li ghamel Eugenio Gusman. Dan kien l-ewwel

[1] Thallset is-somma ta' €12,362.89 (fol. 28-29).

kuntrattur, maghzul mill-attrici, li ghamel xoghol fit-terrazzin tal-konvenuti. Ghaldaqstant, dan l-aggravju ser jigi michud.

9. Il-hlas li tippretendi l-attrici hu deskritt fid-dokument a fol. 76. Total ta' €12,430.49 in kwantu ghal:

   i. **€5041.32** – hlas li sar lil Eugenio Gusman skont dokument BLX2. Iddikjarat li mhijiex tippretendi hlas b'riferenza ghall-items li semmiet fid-dokument a fol. 76.

   Jirrizulta li t-tqeghid tal-madum minn Eugenio Gusman, ma sarx skont is-sengha u l-arti ghaliex it-terrazzin beda jzomm l-ilma (ara deposizzjoni tal-perit tekniku Mario Cassar, fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2012). Minn dik id-deposizzjoni hu altru milli evidenti li mhux ix-xoghol kollu li sar minn Gusman kien hazin. Il-problema li kien hemm kienet biss relatata mal-qlib tal-madum. Tant hu hekk li f'rikors li l-periti addizzjonali pprezentaw fil-11 ta' Lulju 2012, iddikjarw li, *"il-qlib tal-madum irrizulta irregolari, u fuq naha wahda, b'ghadajjar ta' ilma jibqghu ma jigux drained sa aktar minn 30 minuta wara li jieqaf l-ilma"*.

   Il-qorti tinnota kif il-konvenut stess xehed (seduta 19 ta' Ottubru, 2016) li saru x-xoghlijiet li jissemmew f'dokument BLX2. Dan apparti li l-perit Mario Cassar xehed ukoll li fir-rigward tax-xoghol li sar minn Eugenio Gusman, *"kien hemm bill of quantities li gew konfermati mill-periti perizjuri"* (fol. 195). Dokument li l-periti pprezentaw flimkien mar-rapport (ara fol. 238) u li fih jissemmew il-parti l-kbira tal-*items* u cifri li jissemmew f'dokument f'dokument BLX2.

   Wara li l-qorti rat id-dokument BLX2, tikkonkludi li l-hlas li qeghda titlob l-attrici hu parti mill-ispejjez li ghamlet u m'ghandhomx x'jaqsmu xejn mat-tqeghid hazin tal-madum. Fil-fatt mill-ispejjez, l-attrici naqset items (i) sa (vi) [ara fol. 76] li jinkludu l-ispejjez relatati mat-tqeghid tal-madum il-gdid, grouting u spejjez ta' tindif. Xoghol li sar ghal xejn gialdarba l-periti addizzjonali kkonkludew li t-tqeghid tal-madum ma sarx skont is-sengha u l-arti. Il-qorti taqbel mal-ewwel qorti li, *"Dak li l-Qorti ezentat lir-rikorrenti milli jhallsu huwa xoghol hazin u mhux xoghol li ghalkemm sar minn Gino Gusman xorta serva biex finalment tigi rizolta l-problema tal-perkolazzjoni"*.

   Hu veru li fil-parti dispozittiva tas-sentenza l-ewwel qorti qalet li l-hlas li ghandha tircievi l-attrici m'ghandux jinkludi *"l-ispiza li saret in konnessjoni max-xoghol ta' Gino Gusman"*. Pero' meta taqra l-motivazzjoni, hu evidenti li l-qorti kienet qeghda tirreferi li l-attrici ma tithallasx biss ghal dak ix-xoghol difettuz li ghamel Gusman. Mir-

rapport tal-periti perizjuri u wkoll xhieda tal-perit tekniku Mario Cassar, hu evidenti li mhux ix-xoghol kollu li ghamel Gusman kien difettuz.

ii. **€907.43** VAT dwar is-somma fuq imsemmija. Din ovvjament hi gustifikata wkoll ghaliex tirreferi ghat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fir-rigward.

iii. **€3,422.39** ghax-xiri ta' materjal relatat max-xoghol li ghamel Eugenio Gusman, eskluz il-grouting u madum. Ammont li ghall-istess raguni li ssemmiet hawn fuq jidher ukoll gustifikat.

iv. **€3,059.35** ghat-tkissir u tqeghid tal-madum (Dok. BLX4). Dokument li hu kopja ta' ricevuti ta' hlasijiet li saru fir-rigward tax-xoghol rimedjali li sar fit-terrazzin tal-proprjeta tal-konvenuti wara x-xoghol li ghamel Guzman. Hu minnu li r-ricevuti hargu f'isem il-konvenuti. Jirrizulta wkoll li waqt il-kawza, il-konvenut kien baghat lill-perit Mario Cassar kopja tac-cekkijiet li bihom sar il-hlas lill-kumpannija li minghandha nxtraw it-tiles u lill-haddiem li ghamel ix-xoghol. Fl-ittra li l-konvenut baghat lill-perit tekniku fil-5 ta' Settembru, 2013 (fol. 233) jinghad: *"As you are aware these expenses were to be borne by Ms B. Licari, so I kindly ask you to ask her for reimbursement within a limited time frame. Thankyou"*.

Pero' fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2012 il-qorti ordnat:

*"Il-Qorti rat illi x-xoghlijiet riparatorji li saru ma sarux skont is-sengha u l-art u lesti skont ix-xhieda moghtija mill-Esperti Periti nominati minnha.*

*Konsegwentement **a spejjez tal-attrici x-xoghol li sar ghandu jinqala' u jsir mill-gdid u dan taht is-sorveljanza tal-perit Mario Cassar**"*.

Fir-rapport tal-periti addizzjonali (prezentat fit-8 ta' Ottubru, 2014) jinghad:

*"Illi l-konvenut **Victor Gusman hallas minn butu ghal dawn ix-xoghlijiet godda, is-somma ta' €3059.35** skont l-ircevuti mehmuza Dok. VG1. Dawn ghandhom jigu mhallsa lilu mill-attrici, skont id-dikjarazzjoni taghha stess waqt l-access li kienu zammu l-periti addizzjonali fil-lok meritu tal-kawza"* (fol. 220).

Hu evidenti li l-periti bbazaw fuq ir-ricevuti li qeghdin f'isem Gusman. Pero' l-qorti tara xejn kredibbli li Gusman personalment ghamel tajjeb ghal dawk l-ispejjez meta tqies:

i. l-ordni li nghatat mill-ewwel qorti fit-22 ta' Novembru, 2012.

ii. mhemmx prova li Gusman talab lill-attrici biex thallas dik is-somma. Inoltre, fl-ebda seduta ma gie ddikjarat minn Gusman li l-attrici ma wettqitx l-ordni li tat il-qorti fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2012.

Kif rajna fir-rapport il-periti esprimew il-fehma li, *"x-xoghlijiet riparatorji ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut. Dawn ix-xoghlijiet swew €3059.35….".* Fehma li l-ewwel qorti addottat.

10. In vista li ser jigu michuda l-ewwel zewg aggravji, mhemmx htiega li jigi mistharreg it-tielet aggravju.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.